

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tressaq tliet motivi bbażati:

- fuq żball ta' liġi, inkwantu l-Kummissjoni ma stabbilixxiet kif mitlub mil-liġi l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma osservatx ir-regoli li jirregolaw il-prova fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat kemm fir-rigward tal-oneru tal-prova kif ukoll fuq il-livell tal-prova;
- fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi, inkwantu l-Kummissjoni kienet ikkonstatat l-eżistenza ta' garanzija impliċita illimitata favur La Poste;
- fuq ksur tal-kunċett ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-fatt, minn naħa, il-Kummissjoni kienet żbaljatament ikkonkludiet li l-eżistenza ta' garanzija kienet toħloq vantaġġ favur La Poste u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kienet żbaljatament ikkunsidrat li l-evalwazzjoni pożittiva ta' La Poste kienet dovuta għall-eżistenza tal-allegata garanzija.

### Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2010 — Dow Chemical vs Il-Kunsill

(Kawża T-158/10)

(2010/C 161/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: The Dow Chemical Company (rappreżentanti: J.-F. Bellis, R. Luff u V. Hahn, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2010<sup>(1)</sup> safejn jirrigwarda r-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed li permezz tiegħu hija ssostni li r-regolament ikkontestat jiksar l-Artikolu 11(2) tar-regolament bażiku<sup>(2)</sup>, għal dawn ir-raġunijiet:

- il-kunsiderazzjoni li d-dumping tal-etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti ser ikompli hija bbażata b'mod żbaljat fuq konstatazzjoni ta' dumping matul il-perijodu ta' investigazzjoni ta' revizzjoni fir-rigward ta' produttori-espertaturi li jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir ħafna ta' importazzjo-

nijiet mill-Istati Uniti; l-istituzzjonijiet injoraw il-fatt li l-produttur responsabbli għall-maġġoranza l-kbira ta' importazzjonijiet mill-Istati Uniti nstab li ma wettaqx dumping u li, konsegwentement, l-importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti, meqjusa globalment, ma kinux is-suġġett ta' dumping;

- il-kunsiderazzjoni li l-allegat dumping ta' etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti żdied wara l-perijodu ta' investigazzjoni ta' revizzjoni hija bbażata fuq għażla arbitrarja ta' kwotazzjonijiet ta' prezzijiet li ma jirriflettux it-tendenza tal-prezzijiet wara l-perijodu ta' investigazzjoni ta' revizzjoni;
- il-kunsiderazzjoni li l-kapaċità żejda fl-Istati Uniti ser twassal għal żieda fl-espertazzjonijiet ta' etanolamini għall-UE hija bbażata fuq żball manifest peress li kien hemm l-ebda kapaċità mhux użata fl-Istati Uniti;
- il-kunsiderazzjoni li l-miżuri antidumping fuq l-etanolamini li joriġinaw mill-Istati Uniti, imposti miċ-Ċina mill-2004, ser iwasslu lill-espertaturi tal-etanolamini fl-Istati Uniti sabiex ibiegħu kwantitajiet ikbar lejn l-UE hija kontradetta mill-iżvilupp ta' flussi kummerċjali mill-2005;
- il-kunsiderazzjoni li l-iżvilupp possibbli ta' domanda fl-Istati Uniti u fi swieq oħra ser iwassal sabiex produttori Amerikani jċaqilqu l-espertazzjonijiet lejn l-UE hija purament spekulativa;
- il-kunsiderazzjoni li prezzijiet baxxi ħafna u espansjonijiet tal-kapaċitajiet għall-glukol tal-monoetilene — li, bħall-etanolamini, huwa prodott derivat tal-ossidu tal-etilene — jistgħu jipprovdu inċentiv għall-produttori biex jaqilbu mill-glukol tal-monoetilene għall-produzzjoni tal-etanolamini hija inkonsistenti mal-fatti kkonstatati u vvizzjata bi żball ta' evalwazzjoni;
- il-konvenut jiżviluppa raġunament kontradittorju fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE peress li dawn jidhru li jsostnu fl-istess ħin li l-prezzijiet oġhla tal-UE jipprovdu inċentiv għall-espertaturi fl-Istati Uniti li jċaqilqu l-bejgħ tagħhom lill-UE u li prezzijiet aktar baxxi fl-UE ser iġiegħlu lill-produttori fl-Istati Uniti li jbiegħu bi prezzijiet baxxi ħafna fl-UE.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2010, tad-19 ta' Jannar 2010, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 17, p. 1)

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45)